MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2005

Numru 785/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**MAHMOUD MOHAMMED O ABUDRAA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mahmoud Mohammed O Abudraa ta’ 24 sena, imwieled Tripoli, Libay, nhar is-7 ta’ Awissu, 1979, bin Muhammed u Sohad nee’ Bakxi, residenti Bugibba, detentur tal-passaport bin-numru 143027 (M) ;

Akkuzat talli fl-4 ta’ Settembru, 2005, bejn is-1.00am u s-1.15am, gewwa il-gnien pubbliku li jisnab fi Triq San Gorg, kantuniera ma’ Triq Ross, San Giljan:

1. Ikkommetta attentat vjolent fuq il-pudur ta’ Charlotte Sacco, mix-Xghajra, Malta, u dan *ai termini* tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew morali b’ghemil li ghamel f’lok pubbliku jew f’lok esport ghall-pubbliku, u dan *ai termini* tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u taht l-istess cirkostanzi kien fil-pussess ta strument li jaqtgha u bil-ponta u cioe’ sikkina minghajr ma kien awtorizzat jew illicenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan *ai termini* tal-Artikolu 13 (10) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penal ital-imputat.

Wara li rat l-Artikoli 207 u 209 tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikolu 13 (10) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat u wara li l-istess ammissjoni giet ikkonferamata wara li l-Qorti tat iz-zmien lill-imputat skond il-Ligi, qiegheda ssib lill-imsemmi Mahmoud Mohammed O Abudraa hati ta’ kif akkuzat, u qiegheda tikkundannah ghal perjodu ta’ sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba’ (4) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------